



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Ġunju 2024  
(OR. en)

10794/24

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2024/0123(NLE)

---

ACP 65  
FIN 523  
PTOM 8

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp bħala t-tieni pagament parzjali għall-2024

---

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...

ta'...

### **dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp bħala t-tieni pagament parzjali għall-2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar il-finanzjament ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, f'konformità mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2), flimkien mal-Artikolu 14(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1

<sup>2</sup> ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1.

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2018/1877, il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-istimi aġġornati tiegħu tal-impenji u tal-pagamenti taħt l-istrumenti li jimmaniġġa.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2018/1877, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta sal-15 ta' Ġunju 2024 li tistabbilixxi l-ammont tat-tieni pagament parzjali tal-kontribuzzjoni għall-2024.
- (3) Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2018/1877, sejħiet għal kontribuzzjonijiet għandhom l-ewwel jużaw l-ammonti stipulati għal Fondi Ewropej għall-Iżvilupp ("FEŻ") preċedenti. Għaldaqstant, jenħtieġ li ssir sejħa għall-kontribuzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2018/1877 għall-Kummissjoni u għall-BEI.
- (4) Skont l-Artikolu 152 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika<sup>3</sup> ("il-Ftehim dwar il-ħruġ"), ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") għandu jibqa' parti għall-FEŻ sal-għeluq tal-11-il FEŻ u ta' kull FEŻ preċedenti li għadu mhux magħluq. Madankollu, skont l-Artikolu 153 tal-Ftehim dwar il-ħruġ, is-sehem tar-Renju Unit f'fondi diżimpenjati minn proġetti fl-ambitu tal-11-il FEŻ, meta daww il-fondi jkunu ġew diżimpenjati wara l-31 ta' Diċembru 2020, jew taħt FEŻ preċedenti, ma għandux jerġa' jintuża.

---

<sup>3</sup> ĠU C 384I, 12.11.2019, p. 1.

- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2586<sup>4</sup> tiffissa l-ammont annwali tal-kontribuzzjoni li għandu jitħallas mill-partijiet għall-FEŻ għall-2024 għal EUR 1 200 000 000 għall-Kummissjoni, u għal EUR 300 000 000 għall-BEI
- (6) Sabiex il-miżuri stipulati f' din id-Deċiżjoni jkunu jistgħu jiġu applikati minnufih, jenħteġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>4</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2586 tat-13 ta' Novembru 2023 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament ta' dak il-fond, li jispeċifika l-limitu massimu għall-2025, l-ammont annwali għall-2024, l-ammont tal-ewwel pagament parzjali għall-2024 u previżjoni indikattiva, mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2026 u 2027 (ĠU L, 2023/2586, 15.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2586/oj>).

### *Artikolu 1*

L-ammont tal-kontribuzzjoni li għandu jitħallas mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (“FEŻ”) bħala t-tieni pagament parzjali għall-2024 huwa b’dan stabbilit għal EUR 500 000 000.

Dan għandu jitħallas kif ġej:

- (a) għall-Kummissjoni, EUR 400 000 000; u
- (b) għall-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), EUR 100 000 000.

### *Artikolu 2*

Il-kontribuzzjonijiet individwali tal-FEŻ għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-FEŻ lill-Kummissjoni u lill-BEI bħala t-tieni pagament parzjali għall-2024, kif stabbilit fl-Anness.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

## ANNEX

### It-tieni pagament parzjali tal-kontribuzzjonijiet tal-FEŻ għall-2024 (f'EUR)

STATI MEMBRI U R-RENJU UNIT	Il-koeffiċjent tal-11-il FEŻ f' %	It-tieni pagament parzjali tal-2024 (EUR)		Total
		Il-Kummissjoni Il-11-il FEŻ	Il-BEI Il-11-il FEŻ	
IL-BELĠJU	3,24927	12 997 080	3 249 270	16 246 350
IL-BULGARIJA	0,21853	874 120	218 530	1 092 650
IĊ-ĊEKJA	0,79745	3 189 800	797 450	3 987 250
ID-DANIMARKA	1,98045	7 921 800	1 980 450	9 902 250
IL-ĠERMANJA	20,57980	82 319 200	20 579 800	102 899 000
L-ESTONJA	0,08635	345 400	86 350	431 750
L-IRLANDA	0,94006	3 760 240	940 060	4 700 300
IL-GREĊJA	1,50735	6 029 400	1 507 350	7 536 750
SPANJA	7,93248	31 729 920	7 932 480	39 662 400
FRANZA	17,81269	71 250 760	17 812 690	89 063 450
IL-KROAZJA	0,22518	900 720	225 180	1 125 900
L-ITALJA	12,53009	50 120 360	12 530 090	62 650 450
ĊIPRU	0,11162	446 480	111 620	558 100
IL-LATVJA	0,11612	464 480	116 120	580 600
IL-LITWANJA	0,18077	723 080	180 770	903 850
IL-LUSSEMBURGU	0,25509	1 020 360	255 090	1 275 450
L-UNGERIJA	0,61456	2 458 240	614 560	3 072 800
MALTA	0,03801	152 040	38 010	190 050
IN-NETHERLANDS	4,77678	19 107 120	4 776 780	23 883 900
L-AWSTRJA	2,39757	9 590 280	2 397 570	11 987 850
IL-POLONJA	2,00734	8 029 360	2 007 340	10 036 700
IL-PORTUGALL	1,19679	4 787 160	1 196 790	5 983 950
IR-RUMANIJA	0,71815	2 872 600	718 150	3 590 750
IS-SLOVENJA	0,22452	898 080	224 520	1 122 600
IS-SLOVAKKJA	0,37616	1 504 640	376 160	1 880 800
IL-FINLANDJA	1,50909	6 036 360	1 509 090	7 545 450
L-IŻVEZJA	2,93911	11 756 440	2 939 110	14 695 550
IR-RENJU UNIT*	14,67862	58 714 480	14 678 620	73 393 100
TOTAL EU-27 U R-RENJU UNIT	100,00	400 000 000	100 000 000	500 000 000

\* Abbażi tal-Artikolu 153 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, ir-Renju Unit talab formalment f' Marzu 2023 li l-Kummissjoni tirrimborża s-sehem pendenti tiegħu tar-riżervi tal-10 u tal-11-il FEŻ, billi tpaċi l-kontribuzzjoni pendenti tiegħu għall-FEŻ. Din it-tpaċija se tkun riflessa fl-istruzzjonijiet ta' pagament rispettivi.